MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 86/2003

**Pierre Spiteri ezercenti l-kummerc bl-isem Autopoint**

**vs**

**Martin Zarb**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm206.34) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merci mibjugha u debitament konsenjata mill-attur lill-konvenut. Il-konvenut wieghed kemm il-darba li ser ihallas bin-nifs izda baqa' ma hallasx xejn.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-Rissposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub m’huwiex dovut u dan peress li l-konvenut kien fadallu zewg kontijiet biss xi jhallas u cioe’ dak relattiv fil-hlas tas-somma ta’ Lm47.00 rigwardanti ‘clutch kit’ u l-ammont ta’ Lm10.90 rapprezentanti hlas dovut ghall ‘gas kit’.
Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Sema’ x-xhieda ta’ Martin Zarb, Dr. Antonio Tufigno, Pierre Spiteri, Andrew Grima u Jesmond Abela. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra s-sentenza tad-19 ta’ Settembru 2003 fwjn giet michuda l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ mitejn u sitt liri Maltin u erbgha u tletin entezmu (Lm206.34) bhala prezz tal-merkanzija elenkata fil-fatturi esebiti a fol. 23 et seq. tal-process liema merkanzija giet mibjugha u debitament konsenjata lill-konvenut. Il-konvenut m’huwiex qed jichad li din il-merkanzija effettivament giet mibjugha u kkonsenjata lilu izda jsostni li huwa effetwa l-pagament relattiv ghall-prezz tal-merkanzija indikata salv ghall-ammont ta’ L:m47.00, li huwa l-prezz ta’ clutch kit u l-ammont ta’ Lm10.90 li huwa l-prezz ta’ gas kit. Il-konvenut qieghed ghalhekk jeccepixxi il-pagament. Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li min jecepixxi l-pagament jrid jippruvah. L-ahjar u tista’ tghid l-unika prova tal-pagament hija l-produzzjoni tad-debita ricevuta. Fil-kaz odjern il-konvenut naqas milli jipproduci l-ircevuti relattivi u stqarr li kien qattaghhom. It-Tribunal jirritjeni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-pagamrnt u ghalhekk l-eccezzjoni tieghu fil-mertu wkoll ser tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attuur is-somma ta’ mitejn u sitt liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm206.34), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas efettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------